11 ta' Mejju, 1956

Imħallfin:

Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D., *A/President;*
**Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.**
Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Ruggiero Calì *versus* Perit u Arkitett u Inġinier Ċivili George Galea

**Perit — Preskrizzjoni — Art. 2254 (c) u 2216 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-preskrizzjoni ta' sentejn li tolqot l-azzjonijiet tal-persuni li jeżerċitaw professjoni jew arti liberali oħra, bħal ma huma l-periti, għad-drittijiet tagħhom u l-ispejjeż li jagħmlu, mhix applikabbli meta dawk id-drittijiet ma jintalbux bħala tali, imma jintalbu bis-saħħa ta' ftehim speċjali li jkun hemm bejn il-partijiet; għax il-"causa debendi" f'dan il-każ ikun dak il-ftehim speċjali, filwaqt li x-xogħol u l-interċessjoni tal-attur hija l-"causa causans" ta' dak il-ftehim. U l-preskrizzjoni għandha tkun limitata strettament għall-każi li għalihom hija stabbilita, u ma tistgħax tiġi estiża għal każi oħra.*

*Jekk mbgħad il-konvenut ikun qajjem dik l-eċċezzjoni ta' sentejn biss, il-Qorti ma tistgħax tapplika preskrizzjoni oħra "ex officio"; għax l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, biex il-Qorti tikkunsidraha, jeħtieġ li tkun speċifikata mill-eċċipjent, u mhux biżżejjed li l-eċċipjent jgħid li jagħti l-eċċezzjoni ta' kwalunkwe preskrizzjoni oħra skond il-liġi. Għax xort'oħra l-Qorti tkun qegħda tissupplixxi għall-parti eċċipjenti f'materja odjuża li fiha ma tistax tieħu inizjattiva; u fl-assenza ta' indikazzjoni ċara u speċifika ta' preskrizzjoni oħra, l-eċċezzjoni alternattiva tal-preskrizzjoni mogħtija mill-eċċipjent mhix attendibbli.*

Il-Qorti; Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biha l-attur, premessa kwalunkwe neċessarja dikjarazzjoni u provvediment opportun, billi l-proprjetarju tad-djar numru 145, 146 u 146, St. Dominic Street, Valletta, inkarika lill-attur biex jieħu ħsieb il-permessi, "schedule of works", pjanti u miżurazzjonijiet, u biex iqabbad perit għar-rikostruzzjoni tal-imsemmija djar; billi l- attur qabbad lill-konvenut bħala perit, bil-ftehim illi jaqsmu bejniethom ugwalment l-ammont ta' flus li jinkassa l-konvenut relattivament għal dawn ix-xogħolijiet; billi l-konvenut daħħal £80 minn dawna x-xogħolijiet u rrifjuta illi jħallas lill-attur £40 skond il-ftehim bejn il-kontendenti; talab illi l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur is-somma ta' £40, nofs l-ammont inkassat mill-konvenut, skond il-ftehim li sar bejn il-kontendenti. Bl-imgħax legali minn notifika ta' dina ċ-ċitazzjoni u bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Jannar 1956, li biha ġiet milqugħa t-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż; b'riżerva ta' kull dritt lill-istess attur kompetenti skond il-liġi; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi, mentri l-attur isostni li mal-konvenut kellu l-ftehim espost fiċ-ċitazzjoni, il-konvenut jeskludi reċiżament li qatt kien hemm ftehim simili;

Illi l-Qorti, wara li eżaminat bir-reqqa r-riżultanzi proċesswali, tippropendi aktar lejn il-versjoni tal-attur; u dana għall-konsiderazzjonijiet hawn taħt miġjuba:—

*Omissis;*

Illi minn dawn il-konsiderazzjonijiet tidher aktar verosimili t-teżi tal-attur; diversament wieħed ikollu jasal għall-konklużjoni illi l-attur, meta għażel lill-konvenut biex ikompli x-xogħol tal-perit Pitrè, kien animat minn spirtu ta' liberalità, mentri seta' ta l-istess xogħol lil perit ieħor bl-istess vantaġġi li kellu mal-perit Pitrè. It-teżi tal-konvenut ma tispjegax, lanqas, għaliex u b'liema raġuni l-konvenut, flok għamel il-pjanta hu, talabha lill-attur;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-appell tal-konvenut........;

Rat il-petizzjoni tal-konvenut appellant, li, wara li qajjem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn kontemplata fl-art. 2254 (c) tal-Kodiċi Ċivili, jew kwalunkwe preskrizzjoni oħra skond il-liġi, talab ir-revoka tas-sentenza appellata fuq imsemmija u ċ-ċaħda tat-talba tal-attur; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi l-attur xehed li huwa kien jaħdem mal-Arkitett Raffaele Pitrè u jiestilu ħafna xogħol ta' pjanti, disinji, "schedules of works", u jattendi anki fuq ix-xogħol tal-bini, u miegħu jaqsam id-dritt li kien idaħħal Pitrè. Meta Pitrè miet, kienu laħqu saru l-pjanti u x-'schedule of works' tal-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni, u Giuseppe Debono, sid il-post, ħalla kollox f'idejn l-attur; u fuq suġġeriment tal-attur

ġie mqabbad il-konvenut bħala perit biex ikompli ix-xogħol *(dep. Jos. Debono, fol. 10)*;

Il-konvenut xehed li l-attur ma għamillu ebda kondizzjoni meta qabbdu bħala perit (fol. 18)..........;

Fil-konflitt taż-żewġ versjonijiet, il-Qorti, għar-raġunijiet miġjuba fis-sentenza appellata, jidhrilha li hija preferibbli l-versjoni mogħtija mill-attur, li xehed li l-konvenut aċċetta........;

**Ikkunsidrat;**

Illi kontra l-azzjoni tal-attur il-konvenut oppona l-preskrizzjoni ta' sentejn kontemplata fl-art. 2254 (c) tal-Kodiċi Ċivili. Dik il-preskrizzjoni tirrigwarda l-azzjonijiet ta' l-avukati, prokuraturi legali, nutari, arkitetti u inġinieri ċivili, u persuni oħra li jeżerċitaw professjonijiet jew arti liberali oħra, għad-drittijiet tagħhom u għall-ispejjeż li jkunu għamlu. Ix-xogħol li l-attur għamel ta' pjanti, disinji u "schedule of works", in konnessjoni mal-bini in kwistjoni, kien xogħol li jidħol fl-eżerċizzju ta' arti liberali. Iżda l-attur mhux qiegħed jitlob dawk id-drittijiet bħala tali. U tabilħaqq, *l-appellant stess xehed li tax-xogħol li kien għamel f'ħajjiet* l-Arkitett Pitrè, l-attur tħallas minn għand il-werrieta tal-Arkitett Pitrè stess (fol. 19). U li kieku l-attur kellu jitħallas tad-drittijiet tal-arti tiegħu u xejn iżjed, ċertament id-dritt tiegħu ma kien ikun jista' qatt jiġi kalkulat u fissat fuq terz tad-dritt tal-perit. Iżda l-attur qiegħed jitlob it-terz tad-dritt tal-perit unikament għar-raġuni tal-ftehim speċjali li kellu mal-konvenut appellant; u għalhekk il-"causa debendi" fl-okkażjoni mnissla bejn il-partijiet hija l-*ftehim speċjali fuq imsemmi*, fil-waqt li x-xogħol u l-interċessjoni tal-attur kienu l-okkażjoni u l-"causa causans" ta' dak il-ftehim. Immela, għall-azzjoni tal-attur mhix applikabbli l-preskrizzjoni ta' sentejn mogħtija mill-appellant, għax dina tirrigwarda biss l-azzjoni għall-ħlas ta' drittijiet u spejjeż li l-eżerċenti ta' arti liberali jkollu kontra l-klijent li jkun isserva bl-opra tiegħu. Kif kellha okkażjoni tosserva l-Qorti tal-Kummerċ fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Frar 1893 in re "Portanier vs. Apap et.", "di regola, le prescrizioni si debbono limitare strettamente

ai casi per i quali sono state stabilite, ed oltre a quei casi non hanno ragione di essere" (Kollez. Vol. XIII, 424);

Ikkunsidrat;

Illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tiġi mqajma mill-Qorti "ex officio" (art. 2216 Kod. Civ.). Għalhekk l-eċċezzjoni, biex il-Qorti tikkunsidraha, jeħtieġ li tkun speċifikata mill-eċċipjent, u mhux biżżejjed li l-eċċipjent jgħid li jagħti l-eċċezzjoni ta' kwalunkwe preskrizzjoni oħra skond il-liġi; għax xort'oħra l-Qorti tkun qegħedha tissupplixxi għal-parti eċċipjenti f'materja odjuża li fiha ma tistax tieħu inizjattiva. Għaldaqstant, fl-assenza ta' indikazzjoni ċara u speċifika ta' preskrizzjoni oħra, kif eċċepita mill-appellant, l-eċċezzjoni alternattiva tal-preskrizzjoni mogħtija mill-appellant mhix attendibbli;

Fl-aħħar mill-aħħar, ix-xogħol imsemmi fit-taħrika tlesta, skond l-appellant stess, f'April 1950, u ċ-ċitazzjoni ġiet preżentata u notifikata f'Ġunju 1954; u għalhekk lanqas seta' kien ikun il-każ tal-applikazzjoni tal-preskrizzjoni ta' ħames snin, kieku stess dina ġiet regolarment mogħtija; li mhux il-każ;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk tal-Ewwel Qorti, il-Qorti taqta' l-kawża billi tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn, tiċħad l-appell tal-konvenut appellant, u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellant.